



ŻVILUPP URBAN SOSTENIBBLI INTEGRAT

IL-POLITIKA TA' KOEŻJONI 2014-2020

Ir-regoli l-ġodda u l-leġislazzjoni l-ġdida li jirregolaw ir-rawnd li jmiss tal-investiment tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE għall-2014-2020 ġew formalment approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea f'Diċembru 2013.

Din l-iskeda informattiva hija waħda minn serje li jenfasizzaw l-elementi ewlenin tal-approċċ il-ġdid.

Werrej

Xi jfisser Żvilupp Urban Sostenibbli Integrat?

X'inhu l-għan?

X'hemm inkluż fl-approċċ il-ġdid?

X'hemm differenti mill-2007-2013?

X'inhuma l-effetti prattiċi?

Xi jfisser Żvilupp Urban Sostenibbli Integrat?

[↑ Fuq](#)

Il-bliet huma konċentrazzjonijiet spazjali ta' attività umana u interazzjonijiet. Huma l-magni tal-ekonomija Ewropea li jipprovdu impjiegi u servizzi u jservu bħala katalisti għall-kreattività u l-innovazzjoni madwar l-UE. Kważi 70 % tal-popolazzjoni tal-UE tgħix f'żona urbana, u dawn iż-żoni jiġġeneraw aktar minn żewġ terzi tal-PDG tal-UE. Madankollu, huma wkoll postijiet fejn problemi persistenti bħall-qgħad, is-segregazzjoni u l-faqar, kif ukoll pressjonijiet ambjentali severi, huma kkonċentriati. Għaldaqstant il-politiki segwiti fir-rigward ta' żoni urbani għandhom sinifikat usa' għall-UE kollha kemm hi.

Qed ikun aktar ċar li l-isfidi varji li ż-żoni urbani qed jaffaċċjaw – ekonomiċi, ambjentali, klimatiċi, soċjali u demografiċi – huma minsuġin u s-suċċess fl-iżvilupp urban jista' jinkiseb biss permezz ta' approċċ integrat. Għaldaqstant, miżuri li jikkonċernaw it-tiġdid urban fiżiku għandhom jiġu kkombinati ma' miżuri li jippromwovu l-edukazzjoni, l-iżvilupp ekonomiku, l-inklużjoni soċjali u l-protezzjoni ambjentali. L-iżvilupp ta' sħubiji b'saħħithom li jinvolvu liċ-ċittadini lokali, lis-soċjetà ċivili, lill-ekonomija lokali u l-varji livelli ta' gvern huwa element indispensabbli. Il-kombinament tal-kapaċitajiet u l-għarfien lokali huwa essenzjali biex jiġu identifikati soluzzjonijiet komuni u biex jinkisbu riżultati aċċettati sew u sostenibbli.

Tali approċċ huwa essenzjalment importanti f'dan iż-żmien, meta wieħed jara s-serjetà tal-isfidi li l-ibliet Ewropej qed jaffaċċjaw attwalment. Huma jvarjaw minn tibdil speċifiku demografiku għall-konsegwenzi ta' staġnar ekonomiku f'termini ta' foqkien tal-impjiegi u l-provvediment ta' servizzi, għall-impatt tat-tibdil fil-klima. L-identifikazzjoni tar-reazzjonijiet effettivi għal dawn l-isfidi se tkun punt essenzjali biex tinkiseb soċjetà intelliġenti, sostenibbli, inklużiva kif prevista fl-Istrateġija Ewropa 2020.

X'inhu l-għan?

[↑ Fuq](#)

Il-Politika ta' Koeżjoni 2014-2020 timmira li trawwem soċjetajiet integrati li jtejbju l-iżvilupp urban sostenibbli sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-bliet, u biex jiġu żgurati sinerġiji bejn l-investimenti appoġġjati mill-fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (ESI).

X'hemm inkluż fl-approċċ il-ġdid?

[↑ Fuq](#)

Strateġiji ta' żvilupp urban integrat b'approċċ aktar olistiku:

Bħala prinċipju bażiku, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) għandu jappoġġja l-iżvilupp urban sostenibbli permezz ta' strateġiji integrati li jittrattaw l-isfidi ekonomiċi, ambjentali, klimatiċi, soċjali u demografiċi ta' żoni urbani (l-Artikolu 7 tar-Regolament dwar il-FEŻR). It-tifsira ta' dan il-prinċipju hija waħda doppja: tfisser li r-riżorsi għandhom ikunu kkonċentriati b'mod integrat biex jimmiraw żoni bi sfidi urbani speċifiċi; u fl-istess waqt, li l-proġetti ta' żvilupp urban iffinanzjati mill-FEŻR għandhom jiġu integrati fl-oġettivi usa' tal-programmi. L-Istati Membri tal-UE għandhom ifit-txu li jużaw il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) f'sinerġija mal-FEŻR biex jappoġġaw miżuri relatati mal-impjiegi, l-edukazzjoni, l-inklużjoni soċjali u l-kapaċità istituzzjonali mfasslin u implimentati taħt l-istrateġiji integrati.

Enfasi msaħħa dwar l-iżvilupp urban fuq il-livell ta' programmazzjoni:

Il-Ftehimiet ta' Sħubija u l-Programmi Operazzjonali għandhom jistabbilixxu arranġamenti biex jiżguraw approċċ integrat dwar l-użu ta' fondi tal-ESI għall-iżvilupp sostenibbli ta' żoni urbani fi ħdan il-kuntest usa' tal-iżvilupp territorjali. Il-Kummissjoni tistenna wkoll li tara dan l-approċċ ta' żvilupp urban marbut mill-qrib mal-approċċ integrat li jindirizza l-bżonnijiet speċifiċi taż-żoni ġeografiċi l-aktar affettwati mill-faqar, jew ta' dawk li qegħdin fil-mira tal-ogħla riskju ta' diskriminazzjoni jew esklużjoni – kif stabbilit fil-Ftehim ta' Sħubija u l-Programmi Operazzjonali.

Prijoritajiet ta' investiment sintonizzati biex jiffaċilitaw l-indirizzar tal-isfidi urbani:

Għadd ta' objettivi tematiċi sostnuti mill-fondi tal-ESI għandhom prijoritajiet ta' investiment speċifiċi għaż-żoni urbani, eżempju l-promozzjoni ta' strateġiji b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju għal żoni urbani; it-titjib tal-ambjent urban, inkluż ir-riġenerazzjoni ta' siti abbandunati u t-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja; il-promozzjoni tal-mobilità urbana sostenibbli, u l-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali permezz tas-sostenn tar-riġenerazzjoni fiżika, ekonomika u soċjali taż-żoni urbani deprivati (elenkati taħt l-Artikolu 5 tar-Regolament dwar il-FEŻR). Dawn il-prijoritajiet ta' investiment jistgħu jiġu inkorporati fl-istrateġija integrata tal-iżvilupp urban ta' żona urbana (l-Artikolu 7 tar-Regolament dwar il-FEŻR), ikkumplementati b'azzjonijiet sostnuti mill-FSE taħt il-prijoritajiet ta' investimenti tiegħu (l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-FSE).

Għodod imtejba li jwasslu għal azzjonijiet integrati:

- » L-Investment Territorjali Integrat (ITI) huwa mod ġdid ta' kunsinna biex jiġbor finanzjamenti minn diversi assi ta' prijorità ta' programm operazzjonali wieħed jew aktar għall-interventi multidimensjonali u transetturali. ITI jista' jkun strument ideali biex isostni azzjonijiet integrati f'żoni urbani peress li joffri l-possibiltà li jiġi kkombinat finanzjament marbut ma' objettivi tematiċi differenti, inkluż il-kombinament ta' finanzjament minn dawk l-assi prijoritarji u l-programmi operazzjonali sostnuti mill-FEŻR, il-FSE u l-Fond ta' Koeżjoni (l-Artikolu 36 tar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni). ITI jista' jkun ikkumplementat b'appoġġ finanzjarju mill-FAEŻR jew mill-FEMS.
- » L-Iżvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità (CLLD – *Community-Led Local Development*) huwa għodda biex tiġi promossa l-implimentazzjoni ta' strateġiji minn isfel għal fuq, l-istrateġiji tal-iżvilupp lokali preparati u implimentati mill-gruppi ta' azzjoni lokali li jinvolvu rappreżentanti mis-setturi kollha tal-interess lokali. Huwa estensjoni tal-approċċ LEADER f'żoni urbani li jippromwovi s-sjieda tal-komunità u l-governanza f'diversi livelli. Is-CLLD jippermetti attivitajiet ta' bini tal-kapaċità bbażati fuq il-bżonnijiet, in-netwerking u l-istimular tal-innovazzjoni diġà fuq il-livell tal-viċinat sabiex jagħti s-saħħa lill-komunitajiet biex jisfruttaw bis-sħiħ il-potenzjal tagħhom (l-Artikoli 32 sa 35 tar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni).

Strumenti finanzjarji:

L-Istati Membri huma mħeġġin jagħmlu użu estensiv mill-istrumenti finanzjarji għall-appoġġ tal-iżvilupp urban sostenibbli. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-istrumenti finanzjarji huwa estiż u jkopri l-objettivi tematiċi kollha u l-prijoritajiet ta' investiment u kull tip ta' benefiċjarju, proġett u attività (l-Artikoli 37 sa 46 tar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni).

Finanzjament ta' delimitazzjoni għall-iżvilupp urban sostenibbli integrat:

Għandu jiġi investit minimu ta' 5% tar-riżorsi tal-FEŻR allokatil lil kull Stat Membru fl-implimentazzjoni ta' strateġiji integrati għall-iżvilupp urban sostenibbli. Hemm diversi għażliet ta' kif dawn l-istrateġiji jistgħu jiġu ffinanzjati:

- bl-użu tal-għodda l-ġdida tal-Investment Territorjali Integrat (ITI),
- permezz ta' programm operazzjonali speċifiku,
- jew permezz ta' ass prijoritarju speċifiku (l-Artikolu 7(2) tar-Regolament dwar il-FEŻR).

Aktar responsabbiltà lill-awtoritajiet urbani:

L-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-iżvilupp urban sostenibbli teħtieġ grad ta' delegazzjoni lil-livell tal-awtorità urbana (l-Artikolu 7(4) u 7(5) tar-Regolament dwar il-FEŻR). Dan jista' jvarja skont l-arranġamenti istituzzjonali ta' kull Stat Membru imma l-awtoritajiet urbani għandhom ikunu responsabbli għal mill-inqas l-għażla tal-operazzjonijiet. Kull Stat Membru huwa mitlub li fil-Ftehim ta' Sħubija jistabbilixxi l-prinċipji għall-għażla taż-żoni urbani fejn għandhom jiġu implimentati l-azzjonijiet integrati għall-iżvilupp urban sostenibbli u allokazżjoni indikattiva għal dawk l-azzjonijiet.

Azzjonijiet urbani innovattivi:

€ 330 miljun se jiġu provduti biex ikunu appoġġjati azzjonijiet innovattivi fil-qasam tal-iżvilupp urban sostenibbli (kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament dwar il-FEŻR). Dawn l-azzjonijiet urbani innovattivi għandhom jinkludu studji u proġetti pilota biex jittestjaw soluzzjonijiet ġodda għall-isfidi urbani li aktarx se jikbru fis-snin li ġejjin.

Networking imsaħħaħ:

- » Il-Kummissjoni se tistabbilixxi Network għall-Iżvilupp Urban li jinkludi l-awtoritajiet urbani li jirċievu fondi mill-ESIF li għandhom jintefqu f'konformità mal-Artikoli 7 u 8 tal-FEŻR (l-Artikolu 9 tar-Regolament dwar il-FEŻR). Dan in-Netwerk se jservi ta' forum għall-bini tal-kapaċità u post ta' skambju bejn il-bliet pijunieri f'tekniki ġodda u żvilupp tal-investimenti integrati. In-Netwerk mhuwix strument ta' finanzjament imma mod kif il-bliet jikkondividu l-feedback dwar l-użu ta' dawn l-approċċi l-ġodda.
- » Skont l-oġġettiv tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (ETC), il-programm ta' skambju u tagħlim għall-bliet se jkompli jipprovdihom b'opportunitajiet ta' networking sabiex jaqsmu u jiżviluppaw prattiki tajba fl-iżvilupp urban (l-Artikolu 2 tar-Regolament dwar l-ETC 2014-2020). B'mod partikolari, se tkompli l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet urbani msaħħa mill-programm URBACT III.

X'hemm differenti mill-2007-2013?

[↑ Fuq](#)

Approċċ integrat imsaħħaħ biex jiġu trattati sfidi urbani:

Filwaqt li fil-perjodu 2007-13 kien biss għażla, l-iżvilupp urban għandu jiġi implimentat permezz ta' strateġiji li jistabbilixxu azzjonijiet integrati fil-perjodu 2014-2020 (l-Artikolu 7 tar-Regolament dwar il-FEŻR). L-Artikolu 12 tar-Regolament dwar il-FSE jipprovdi wkoll għall-kontribuzzjoni kumplementari tal-FSE għal dawn l-istrateġiji.

Approċċ aktar funzjonali li jippermetti li jsiru interventi fl-iskala t-tajba:

Peress li l-interventi tal-iżvilupp urban sostenibbli jistgħu jkopru tipi differenti ta' bliet u żoni urbani, kif definiti mill-Istati Membri, huma jippermettu l-finanzjament ta' azzjonijiet integrati minn livell ta' lokal jew distrettwali sa żoni funzjonali bħal bliet-reġjuni jew żoni metropolitani – inklużi żoni rurali ġirien.

Introduzzjoni ta' għodod ġodda biex jipromwovu azzjonijiet integrati:

Għodod ġodda u aktar flessibbli bħall-Investment Territorjali Integrat (ITI) u l-Iżvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità (CLLD) jsostnu l-approċċ integrat għall-iżvilupp urban sostenibbli u jiffaċilitaw taħlita ta' modi strumentali u parteċipatorji biex jiġu implimentati l-istrateġiji tal-iżvilupp urban.

Aktar responsabbiltajiet u opportunitajiet għall-bliet:

L-Istati Membri se jkunu jistgħu jagħtu lill-bliet l-opportunità li jfasslu u jimplementaw strateġiji integrati b'mod sħiħ, li jikkombinaw ir-riżorsi tal-assi prijoritarji differenti u l-programmi operazzjonali.

Operazzjonijiet sostnuti minn diversi fondi, Programmi Operazzjonali li jinvolvu ħafna fondi u transfinanzjament:

L-implimentazzjoni ta' strateġiji għall-iżvilupp urban integrat se jiġu mtejbja bil-possibbiltà li jiġu kkombinati azzjonijiet iffinanzjati mill-FEŻR, il-FSE u l-Fond ta' Koeżjoni jew fil-livell ta' programm jew fil-livell operazzjonali. Se jibqa' transfinanzjament bejn il-FEŻR u l-FSE minn parti ta' operazzjoni (sa 10% ta' kull ass prijoritarju ta' Programm Operazzjonali) biex jikkumplimenta l-approċċ li jinvolvi diversi fondi (l-Artikolu 98, ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni).

X'inhuma l-effetti prattiċi?

[↑ Fuq](#)

L-iżvilupp urban sostenibbli integrat sar parti integrali mill-qafas strateġiku tal-Politika ta' Koeżjoni 2014-2020. Dan se jkollu numru ta' effetti prattiċi fuq id-diversi livelli ta' governanza inkluża l-preparazzjoni u l-implimentazzjoni tal-programmi:

- » **L-awtoritajiet urbani** li qed jirċievu finanzjament skont l-Artikolu 7 tal-FEŻR se jkollhom jip-preparaw strateġiji tal-iżvilupp urban integrat li huma kapaċi jittrattaw l-isfidi diversi li qed jaffaċċjaw il-bliet tagħhom. Se jkollhom ukoll kamp ta' applikazzjoni usa' tar-responsabbiltà li jikkonċerna l-implimentazzjoni attwali ta' dik l-istrateġija peress li jkun meħtieġ livell minimu ta' delegazzjoni. Meta jkunu qed jiġu mfassla dawn l-istrateġiji integrati, l-awtoritajiet urbani huma mħeġġin jużaw Qafas ta' Referenza għall-Bliet Sostenibbli (RFSC) li hija għodda prattika bbażata fuq l-internet imfassla biex tassisti lill-ibliet f'dan ir-rigward.
- » **L-Istati Membri** huma meħtieġa jipprovdu analiżi territorjali bir-reqqa u enfasi urbana aktar b'saħħitha fil-Programmi Operazzjonali rilevanti tagħhom. Iridu wkoll jistabbilixxu arranġamenti biex jiddelegaw għadd ta' kompiti (mill-inqas għażla tal-proġetti) lill-awtoritajiet urbani relatati mal-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-iżvilupp urban sostenibbli.
- » Il-**Kummissjoni Ewropea** se tfittex li tikseb: aktar integrazzjoni f'termini ta' żvilupp urban billi teżerċita skrutinju fuq dan l-aspett waqt il-valutazzjoni tal-Programmi Operazzjonali; aktar innovazzjoni permezz tal-inizjattiva Azzjonijiet Innovattivi; u bini tal-kapaċità msaħħa u skambju ta' esperjenzi permezz tan-Netwerk għall-Iżvilupp Urban u l-programm URBACT II imsaħħa finanzjarjament.

Għal aktar informazzjoni

Għal aktar skedi informattivi relatati mal-aspetti tal-Politika ta' Koeżjoni:
http://ec.europa.eu/regional_policy/what/future/publication/index_en.cfm

Għal aktar informazzjoni ġenerali dwar il-Politika Reġjonali:
http://ec.europa.eu/regional_policy/index_mt.cfm